**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Griffin

**Armi tan-Nar — "Air Gun" — Art. 24(2) u 29 u 53 tal-Kap. 56.**

*Skond il-liġi speċjali dwar l-armi, il-kelma "fire arms" tinkludi "air gun"; u għalhekk ma hemm ebda diffikultà li l-artikolu tal-liġi li jikkontempla l-isparar ta' armi tan-nar fil-postijiet hemm indikati japplika wkoll għall-isparar ta' "air gun"; u għalhekk huwa suġġett għall-istess piena, tal-multa ta' mhux anqas minn £20.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fil-Belt Valletta, fl-ewwel ta' Mejju 1961, għal xi l-5.30 p.m., (a) żamm air-gun f'numru 3 Battery Street, (2) spara l-istess arma f'post abitat mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, (3) u f'dawn l-aħħar tnax il-xahar, f'dawn il-Gżejjer, naqas li javża malajr kemm jista' jkun lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' kif ġie għandu l-istess air-gun iżjed milli b'liċenza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Mejju 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa għall-ewwel

kontravvenzjoni, £10 multa għat-tieni, u £5 multa għat-tielet, u ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżibiti. Il-multa titħallas f'erbgħa rati ugwali mensili;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella, limitatament, però, għat-tieni mputazzjoni, ċjoè dik li l-imputat spara arma f'post abitat mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, li tagħha l-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' £20;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni qegħdha ssostni li skond l-art. 24(2) Kap. 56 u l-art. 33 ibidem, kif emendat bl-Att XXVII tal-1955 li jagħmel riferenza għall-pieni stabbiliti fl-art. 29 ibidem, kif ukoll kif emendat b'dak l-Att, il-multa ma setgħetx tkun ta' £10 kif inhi fis-sentenza appellata relattivament għal din it-tieni mputazzjoni, imma għall-anqas ta' £20, li hi l-minimum preskritt, bil-maximum ta' £200, meta l-piena nflitta tkun dik pekunjarja;

Għandu jingħad immedjatament li l-meritu ta' din l-imputazzjoni , ċjoè tat-tieni mputazzjoni, ma hux quddiem din il-Qorti; għax l-imputat ma appellax, u l-appell tal-Prosekuzzjoni hu ristrett għall-piena, fis-sens li din il-Qorti fit-termini tal-art. 425 (1) (b) (iii) tal-Kap. 12. għandha tara biss jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hijiex differenti, fil-kwalità jew fil-kwantità, minn dik li tippreskrivi l-liġi għar-reat li tiegħu ġie misjub ħati l-appellant; u f'dan il-każ, dik id-dikjarazzjoni ta' reità hija irrevokabbli, għax, kif ingħad, appell fuqha ma hemmx;

Dan qiegħed jingħad għaliex ġie espress xi dubju fit-trattazzjoni jekk il-kelma "fire-arms" fl-art. 24(2) Kap. 56 tikkomprendix "air gun". "Obiter", jista' jingħad li skond il-liġi speċjali dwar l-armi (Kap. 106 kif emendat bl-Att XXXVI tal-1955) il-kelma "fire-arms" tinkludi "air gun", u għalkemm ma hemm ebda diffikultà li, għall-finijiet tal-

art. 24(2) tal-Kap. 56, li jikkontempla l-fatt tal-isparar ta' armi tan-nar fil-postijiet hemm indikati, il-kelma "fire arm" tiġi nterpretata skond il-liġi in materja, ċjoè skond il-Kap. 106, b'mod li tinkludi "air gun"; bl-istess mod kif, b'ex wieħed jinterpreta x'inhu post abitat, jew x'inhi trieq, fl-istess dispożizzjoni tal-art. 24, jista' jirrikorri għall-interpretazzjoni ta' dawk il-kliem fil-Liġijiet tal-Pulizija;

Kwantu għall-piena, il-minimum tal-multa preskritt fl-art. 29 tal-Kap. 56 hu ta' £20; u għalhekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ma setgħetx kienet almenu anqas minn dan l-ammont;

Ma hemm ebda ċirkustanza li tista' tinduċi lil din il-Qorti li tbaxxi l-piena taħt il-minimum; anzi l-kuntrarju. Il-fatt kien pjuttost gravi, fis-sens li l-imputat li hu ġuvni ta' xi 26 sena, sabiex ibażża' lil xi persuni, azzarda jispara, deliberatament u dikjaratament fid-direzzjoni tagħhom, u kien għoddu laqat lil ċertu Formosa, u seta' anki għamieh. Mhux l-ewwel darba li fil-każistika tal-Qrati kien hemm kawżi li fihom, bl-isparar ta' air gun, tifel ġie aċċekat f'għajn waħda, u hu mpellenti li dan l-isparar indiskriminat ta' dawn l-air guns jiġi kontrollat u kastigat (ara anki l-monografija "Negligence with Fire Arms" publikata fir-rivista legali "The Solicitor", Ġunju 1961, p. 166, fejn hemm diversi każijiet ta' tfal li ġew aċċekati bl-isparar ta' air gun);

Għalhekk, il-Qorti tilqa' l-appell tal-Attorney General, u kwantu għall-piena tat-tieni mputazzjoni tbiddilha minn £10 għal £20; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. Il-multa titħallas kif ingħad fis-sentenza appellata.